MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Numru. 23/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**

**KONTRA**

**MARGRET CAUCHI**
**SVETLANA BONNICI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Margret Cauchi ta' 48 sena, mart Raymond, bint Emanuel Caruana u Josephine nee' Bonnici, mwielda Tarxien nhar is- 27 ta' Novembru 1956 u residenti fil- fond 40 Triq Guze

Cardona, Qormi u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 810556 (M);

U

Svetlana Bonnici ta' 17- il sena, bint Raymond u Josephine nee' Caruana, mwielda Pieta nhar it- 18 ta' Novembru 1987, residenti fil- fond 40, Triq Guze Cardona, Qormi u detnetrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 519287(M);

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiebgu ghall- imputazzjonijiet:

Talli fil- 21 ta' MEjju 2005, fil- Furjana, ghal habta tad- 8.45am, minghajr il- hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l- hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil- gisem jew fis- sahha , u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Marsharona Hatherly skond ma ccertifikat it- tabib Dr. Elaine Cachia tal- Isptar San Luqa

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati, irregistraw ammissjoni f'dawn il- proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

Rat il-verbal ta' llum, fejn l-imputati rrilevaw illi l-vittma Marsharona Hatherly kienet sofriet griehi waqt glieda, ai termini tal-Artikolu 237(c) tal-Kap 9, u ma kien hemm ebda intenzjoni li l-imputati jaghmlu offiza fuqha.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrizulta li fid-data, lok u hin indikati kien hemm glieda bejn l-imputati u Marsharona Hatherly u ommha, fit-tarag komun gewwa blokk ta' appartamenti, u waqt din il-glieda Hatherly intlaqtet minn oggett tac-ceramika u sofriet griehi f' wiccha. Ma rrizultax jekk dan l-oggett twaddabx mill-imputati lejn Hatherly, jew, kif ghandha l-fehma l-Qorti, dan l-oggett intlaqat accidentalment minn xi hadd minnhom u kkawza l-offiza indikata. Ghalhekk l-ammissjoni tal-imputati, fi hdan id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 237(c), jinkwadra ruhu perfettament f' dan il-kaz. Mid-dinamika tal-incident kif inqala', il-Qorti hi konvinta li l-ebda wahda mill-imputati ma kellha xi tghid direttament ma' Hatherly, izda fil-kommossjoni tal-glieda, aktarx l-ornament tac-ceramika intlaqat u hekk kif inkiser xi bicciet minnu laqtuha f' wiccha.

Kwantu ghall-ferita, il-Qorti qieghedha tiddetermina li din kienet wahda li ggib l-effetti ai termini tal-Artikolu 216 u mhux 218, u ghalhekk aktar 'il fuq saret riferenza ghas-subartikolu (c) tal-Artikolu 237, u mhux xi subartikolu iehor. Dan qed jinghad ghar-ragunijiet segwenti. Kif irritjeniet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu 2008, fl-appell fl-ismijiet "Pulizija v. Desmond Falzon":

"Mill-punto di vista ta' dritt huwa minnu dak li ssottomettiet il-prosekuzzjoni, kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, li l-mankament jew sfregju jista' jkun anke wiehed temporanju[1] u mhux mankament jew sfregju gravi – jekk l-isfregju jkun gravi u permanenti allura jkollok l-offiza gravissima taht l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Pero` ghall-finijiet ta' l-Artikolu 216(1)(b) in dizamina irid ikollok dejjem "mankament" jew "sfregju" f'wahda mill-partijiet tal-gisem indikati f'din id-disposizzjoni – wicc, ghonq jew idejn. Il-kliem "mankament" (*"deformity"* fit-test ingliz) u "sfregju" (*"disfigurement"*) ma humiex sinonimi. Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza

---

[1] Ara is-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fortunato Sultana**.

taghha tat-12 ta’ Settembru 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Spagnol,

“B’mankament…fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta’ l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament *‘cioe` peggioramento d’aspetto notevole o complessivo, o per l’entita` della alterazione stessa, o per l’espressione d’assieme del volto”* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta’ mankament, hija kull hsara li tista’ ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f’dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik ‘li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma’ xulxin’ (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm semplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista’ jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita` tal-hsara; mhux importanti x’tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.”

Ukoll, l-istess Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta’ Gunju 2008 fl-ismijiet “Pulizija v. David Grech”, kienet qalet hekk:

“Issa, sabiex tigi ppruvata offiza gravi, ma hemmx bzonn necessarjament ix-xiehda ta’ tabib. Din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi deciz fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

“Il-kwistjoni ta’ jekk offiza hix wahda hafifa u ta’ importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta’ fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta’

guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti osservat li l-offizi li jidhru fic-certifikat mediku (Dok. AB a fol. 13) ghandhom jitqiesu bhala offizi ta' natura gravi a tenur ta' l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, u cioe` offizi li gabu sfregju fil-wicc. Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tara hi stess lil Clyde Muscat fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2007 u setghet tosserva li ghadhom jidhru marki zghar li jidhru mill-vicin. L-istess Clyde Muscat fil-fatt osserva: *"Ma tantx jidhru".* Ciononostante, dawn il-marki xorta jikkostitwixxu sfregju a tenur tal-ligi. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Mario Camilleri deciz fil-15 ta' Gunju 2001, intqal:

"Skond kif jiddisponi l-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, galadarba jirrizulta li hemm ferita fil-wicc, tali ferita ghandha titqies bhala gravi w dan irrispettivament minn jekk dik hiex ta' natura permanenti jew le. Ic-cirkostanza tal-permanenza o meno ta' dik il-ferita fil-wicc tittiehed in kunsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk dik l-offiza kinitx gravi ai termini ta' l-Artikolu 216 biss, jew kinitx gravissima ai termini ta' l-Artikolu 218."

L-offiza li sofriet Hatherly kienet wahda li hallietilha marka permanenti f' wiccha, izda din il-marka kienet vizibbli mill-vicin biss, u zgur ma halliet ebda "disfigurement" fil-vittma. Ghalhekk l-offiza sofferta minnha zgur ma kienetx wahda gravissima ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kap 9, izda wahda gravi ai termini tal-Artikolu 216.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti rat il-fedina penali ghal kollox netta tal-imputati, kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u ghalhekk hi tal-fehma li ghandu jkun hemm ordni skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 446. Inoltre, il-Qorti rat illi l-imputata Bonnici fiz-zmien tat-twettiq tar-reat kienet ghadha minorenni, u ghalhekk il-qorti sejra tikkonsidra dawn il-fatturi kollha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 218(1)(a) u (b), 252, 339(1)(d), 382A, 383, 384, 386, 412 C, 17, 23, 31, 533 u 37 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------